Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 69/2019

Il-Pulizija

(Supretendent Carmelo Bartolo)

Vs

Grace Gatt

Omissis

Illum 11 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Grace Gatt detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 34568G u Omissis, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta’ Jannar, 2007 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, hadmu bhala agenzija ta’ gwardjani privati jew bhala gwardjani privati jew hekk offrew is-

servizz taghhom, minghajr licenza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali;

2. U lil Grace Gatt wahedha talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Jannar, 2007 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda impjegat, haddmet jew ippermettiet l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati, kemm-il darba dawk is-servizzi ma inghatawx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati, skond il-kaz, li ghandhom licenza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali;
3. Kif ukoll talli, fil-Hamrun, nhar il-15 ta' Ottubru, 2006, ghal habta ta' l-10:00 ta' filghodu, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, arrestat, zammet jew issekwestrat lil xi persuna u cioe' *Omissis* mill-Hamrun, kontra l-volonta taghha, jew tat il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;
4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi okkazjonijiet matul il-perjodu ta' bejn is-27 ta' Mejju, 2007 u is-snin ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetiet serq ta' oggetti u cioe' oggetti ta' l-ikel minn l-Isptar San Luqa, liema serq sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra b'identita sa issa mhux maghrufa.
5. U finalment qeghda tigi akkuzata talli nhar is-27 ta' Mejju, 2007 u matul is-snin ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer saret hatja ta' reat li hija kellha tissorvelja biex dan ma jsirx jew li minhabba il-kariga taghha kellha id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna li l-imsemmija Grace Gatt, kif ukoll Omissis, jigu skwalifikati minn kull licenzja li tinhareg taht l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali, ghal dak il-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti:

1. Sabet lill-imputata Omissis mhux hatja tal-ewwel u unika imputazzjoni dedotta kontriha u lliberatha minnha;

2. Sabet lill-imputata Grace Gatt mhux hatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontriha u lliberatha minnhom;

3. Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 3 u 25 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Grace Gatt hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikkundannatha ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li giet sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioè f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

5. In oltre, il-Qorti kkundannat lill-hatja Grace Gatt ghal hlas ta' multa ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2019, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Grace Gatt, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu 2019, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja u tirrevokaha ghall-kumplament u hemm tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellanta Grace Gatt huwa s-segwenti u cioè:-

***1. L-Ewwel Kwistjoni – L-Eccezzjoni ta' Ne bis in Idem***

Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016, l-imputata Grace Gatt issollevat l-eccezzjoni tan-ne bis in idem, u esebiet sentenza moghtija fit-12 ta' Novembru 2010 moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Grace Gatt et**. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li minn din is-sentenza ma giex intavolat appell.

F'din is-sentenza l-imputata Grace Gatt giet liberata mill-imputazzjoni li hi flimkien ma' Jonathan Mulligan:

*"Fis-26 ta' Marzu 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda: haddmu agenzija ta' gwardjani privati bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.*

*Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hadmu jew kienu mpjegati bhala gwardjani privati bi ksur ta' wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Gwardjaniu Privati u Lokali tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu."*

Mhux kontestat li l-imputata Grace Gatt f'dik is-sentenza hija l-imputata odjerna. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza ssottomettiet li l-imputazzjoni f'dik is-sentenza hija identika ghal dik imressqa fil-kaz odjern. Hija tissottometti wkoll iz-zmien li fih allegatament gie kommess ir-reat f'dik is-sentenza, u cioe *"fis-26 ta' Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel"* ikopri precizament il-perjodu imsemmi fic-citazzjoni odjerna. Issa l-perjodu msemmi fil-kaz odjern huwa *"il-11 ta' Jannar 2007 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data"*

Iz-zewg citazzjonijiet jirrigwardaw l-istess reat l-istess fatt u l-istess imputazzjonijiet, u anke l-istess zminijiet. Allura tapplika l-eccezzjoni tan-ne bis in idem.

**L-ewwel Onorabbli Qorti qalet li z-zminijiet kienu differenti. Dan hu zbaljat. Fis-sentenza li kien titkellem fuq 26 ta' Marzu, 2007 u x-xhur ta' qabel tfisser li tkopri x-xhur. Kienet tmur lura sa Frar, 2006, ghax imbaghad meta jghaddi Marzu 2006, il-ligi titkellem fuq sena jew snin.**

**L-Art 520 Kap 9 jaghmel applikabbli ghall-proceduri kriminali l-Art 103 tal-Kap 12. Ix-xhur u s-snin jitkejlu skont il-kalendarju! Fix-xhur ta' qabel jigu hdax-il xahar qabel. Meta jidhlu tnax-il xahar imbaghad issir sena.**

L-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra".*

L-ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk fis-sentenza:-

"Il-kaz odjern jista' jigi mqabbel ma' dak ta' imputat li jkun gie liberat b'sentenza minn imputazzjoni ta' serq mir-residenza ta' persuna A fi zmien partikolari, u mbaghad

jitressqu proceduri kriminali kontrih talli allegatament bejn wiehed u iehor fl-istess perjodu, huwa jkun seraq ukoll lir-residenti C, D u E li jinsabu f'postijiet diversi minn xulxin u minn dik ta' A. Certament hadd mhu se jghaddilu mit-trafanal ta' mohhu, li jghid ghax ir-reat huwa l-istess wiehed, dak ta' serq aggravat, allura t-tieni proceduri kriminali huma bbazati fuq l-istess fatt tas-sentenza dwar is-serq tar-residenza tal-persuna A. (sottolinear tal-appellanti)"

**Jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti insistiet li z-zewg akkuzi, fejn giet liberata fejn issa nstabet hatja, kienu ta' reat kontinwat.**

Dan ifisser li r-reat u l-fatt antiguridiku kien qed jirrepeti ruhu fiz-zmien, imma sostanzjalment jibqa' l-istess fatt antiguridiku. Jekk wiehed ihares lejn l-ahhar tas-sentenza jsib li l-istess Qorti tikkwota l-artiklu 18 tal-Kap 9.

L-ezempju li gabet il-Qorti kien zbaljat. Kieku ma jissemmiex il-kontinwat wiehed jista' jibda jargumenta, imma meta jissemma l-kontinwat, ifisser li hemm **parti mill-piena addizzjonali fuq l-okkazzjonijiet l-ohra**. Inoltre fir-rinviju l-Avukat Generali jsemmi numri tal-artikli tal-ligi, inkluz l-artiklu 18, u mhux stejjer ta' A, B u C.

Illi fuq in-ne bis in idem, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Zolutukhin v Russia 10/2/2009

1. An analysis of the international instruments incorporating the non bis in idem principle in one or another form reveals the variety of terms in which it is couched. Thus, Article 4 of Protocol No. 7 to the Convention, Article 14 § 7 of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 50 of the Charter of Fundamental Rights of the

European Union refer to the "[same] offence" *("[même] infraction"),* the American Convention on Human Rights speaks of the "same cause" *("mêmes faits"),* the Convention Implementing the Schengen Agreement prohibits prosecution for the "same acts" *("mêmes faits*"), and the Statute of the International Criminal Court employs the term "[same] conduct" ("[*mêmes] actes constitutifs")* . The difference between the terms "same acts" or "same cause" *("mêmes faits")* on the one hand and the term "[same] offence" *("[même] infraction")* on the other was held by the Court of Justice of the European Union and the Inter-American Court of Human Rights to be an important element in favour of adopting the approach based strictly on the identity of the material acts and rejecting the legal classification of such acts as irrelevant. In so finding, both tribunals emphasised that such an approach would favour the perpetrator, who would know that, once he had been found guilty and served his sentence or had been acquitted, he need not fear further prosecution for the same act (see paragraphs **Error! Reference source not found.** And **Error! Reference source not found.** Above).

2. The Court considers that the use of the word "offence" in the text of Article 4 of Protocol No. 7 cannot justify adhering to a more restrictive approach. It reiterates that the Convention must be interpreted and applied in a manner which renders its rights practical and effective, not theoretical and illusory. It is a living instrument which must be interpreted in the light of present-day conditions (see, among other authorities, *Tyrer v. the United Kingdom*, 25 April 1978, § 31, Series A no. 26, and *Christine Goodwin v. the United Kingdom* [GC], no. 28957/95, § 75, ECHR 2002-VI). The provisions of an international treaty such as the Convention must be construed in the light of their object and purpose and also in accordance with the principle of effectiveness (see *Mamatkulov and Askarov v. Turkey* [GC], nos. 46827/99 and 46951/99, § 123, ECHR 2005-I).

3. The Court further notes that the approach which emphasises the legal characterisation of the two offences is too restrictive on the rights of the individual, for if the Court limits itself to finding that the person was prosecuted for offences having a different legal classification it risks undermining the guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 rather than rendering it practical and effective as required by the Convention (compare *Franz Fischer*, cited above, § 25).

4. Accordingly, the Court takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same.

5. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture the available material will necessarily comprise the decision by which the first "penal procedure" was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence of which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an appropriate starting-point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal (compare paragraph **Error! Reference source not found.** Below).

6. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings."

F'dan kollu l-aktar espressjoni importanti hija "linked together in time and space". Space tfisser "f'dawn il-Gzejjer". Time tfisser mhux biss id-dati specifici imma wkoll il-perijodu antecedent, u cioè "xhur".

Il-kawza li kienet maqtugha qabel u kienet diga' res judicata tghid fl-akkuza: "Fis-26 ta' Marzu 2007, "Fis-26 ta' Marzu 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda: haddmu agenzija ta' gwardjani privati bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu."

Grace Gatt kienet giet liberata mill-akkuza that il-kap 389, u mhux fuq kaz uniku ta' Lucian Caruana.

Ghandu jinghad li huwa biss fir-reati fejn isiru offizi fuq persuni li r-reat jista' jkollu rilevanza l-isem u l-kunjom tal-persuna danneggjata, imma fir-reati ta' bla licenzja, ma hemmx kwestjoni bhal din. Jigifieri l-argument tal-Ewwel Onorabbli Qorti kien doppjament zbaljat, u wiehed ikun ittenta li jghid "kif ghadda mit-trafanal ta' mohh il-Qorti?"

*2. Dwar il-fatti*

L-appellanti tikkontesta li gie pruvat xi ksur tal-kap 389. Jekk xi had jitqabbad halli jgib tifla lura ghand il-genituri taghha, dan ikun qed jikser din il-ligi? Allura jaqbillu joqghod attent il-kappillan!

U anke meta jkun hemm informazzjoni dwar persuna u r-relazzjonijiet ma' persuna ohra, jkun hemm ksur tal-kap 389? Jaqblilhom joqoghdu attenti z-zekzieka li jghidu fuq in-nies.

*3. Piena*

Ghal kull buon fini qed isir appell mill-piena, tenut kont li dan hu reat li ftit li xejn ghandu impatt fuq ic-cittadini. Dan mhux bhal sewqan minghajr licenzja, li jista' jgib kumplikazzjonijiet jekk jinqala' incident.

Din kienet ligi li saret b'hafna mbuttar ta' impjegat fil-qasam tal-gustizzja, li kien se jwaqqaf agenzija hu, u ghalhekk il-pieni huma goffi, halli hadd ma jidhollu fl-ghalqa!

Ikkunsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti gie ipprezentat certifikat tat-twelid tal-appellanta Grace Gatt u ta' Lourdes Castillo.

Is-**Supretendent Carmelo Bartolo** xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn xehed li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) ghal habta ta' nofsinhar giet tfajla' ta' dsatax (19)-il sena *Omissis* fejn talbet biex titkellem mieghu. Allegat li certu persona femminili bl-isem Grace kienet kontinwament issegwiha u qaltlu li kien hemm okkazzjoni fejn Grace kienet arrestata illegalment u waqt

li sar dan l-arrest, din Grace kienet qaltilha li hija kienet investigatur privat kummissjonata biex timmoniterja l-movimenti taghha. Qaltlu li sa minn meta kienet ghada zghira, ommha u missierha kienu kontinwament jiehduhom ghal kura psikjatrika fi Sptar Mentali Ghawdex. Xehed li *Omissis* trabbiet f'Ghawdex. Qalet li kienet tigi amministrata diversi medicinali pero' qatt ma fehmet ghala ommha u missierha kienu kontwinament jiehduha ghan dawn it-tobba psikjatrici. Il-Psikjatra David Saliba kien jghidilha li tbaghti minn ossessjonijiet li kellha fl-iskola u li allura kien ahjar li tiehu certu medicinali. Qalet li meta bdiet tikber fl-eta', il-genituri taghha baqghu jibghatuha ghal dawn it-tattamenti mentali sa meta iddecidiet li riedet titlaq il-barra mid-dar. Peress li ma kienet infurmat lil hadd hi giet irrapurtata bhala *absentee* u gew involuti l-membri tal-Vice Squad, l-Ispettur Louise Calleja li ghamlet l-investigazzjonijiet necessarji u irritornata d-dar. Meta marret lura lejn id-dar, din ix-xbejba ddecidiet li tmur tfittex psikjatra ghal affari taghha u marret tkellem lil Dr Joseph Vella Baldacchino ghal *second opinion* ghax dehrilha li dawn il-medicinali li kienet tiehu ma kelliex ghalfejn. Kien ezaminaha u ghamilha certifikat li kienet b'sahhitha mentalment u li ma kellha ghalfejn tiehu ebda pilloli u allura ghamilha certifikat d'dan is-sens. *Omissis* ddecidiet li titlaq mid-dar u tinforma l-Ghassa tal-Pulizija. Kienet ghalqet dsatax (19)-il sena u kellha dritt taghmel dan. Hi ma qaltilhomx fejn sejra u marret ghand Alfred Caruana Debrincat li kienet taf minn mindu kienet zghira.

Wara li ghamlet xi xahar tghix ghand dan il-bniedem resqet persuna fuqha li identifikat ruha bhala Lourdes u qaltlilha li ohtha z-zghira li jisimha Christine kellha bzonn xi lezzjonijiet tal-privat tal-matematika. *Omissis* accettat li taghtih xi lezzzjonijeit ta' privat u marret darba ghandha ghal lezzjoni tal-matematika u ma regghetx marret darba ohra. Wara xi jumejn ikkuntatjaha persuna li iddentifikat ruhha maghha bhala Grace. Cempiltilha fuq it-telephone u qaltilha li kienet semghet minghand Christine, tigi t-tifla ta' Lourdes illi din *Omissis* kienet qed taghti xi lezzjonijiet tal-privat u staqsietha jekk kinitx lesta li taghti xi privat lit-tifla taghha. *Omissis* qaltilha li kienet se tahsibha pero' peress li Grace kienet bdiet tinsisti maghha ghaliex xtaqitha taghti l-privat lit-tifla taghha,

din accettat. Dak iz-zmien kienet qieghda taghmel kuntatt ma' Grace fuq il-linja cellulari taghha. Fil-frattemp xi giren infurmaw lil *Omissis* li kienet marret persuna femminili xaghra bjond u li kienet tilbes nuccali, marret quddiem id-dar tgahha u bdiet tigbed xi ritratti tal-faccata ta' fejn *Omissis* kienet qed tghix ma' dan Alfred Caruana Debrincat. *Omissis* qalet li ma din il-mara hija u tiehu dawn ir-ritratti kien emm mara ohra maghha li kienet l-istess mara li kineet marret FUQ *Omissis* biex titlobha biex taghti l-lezzjonijiet tal-privat lil ohtha, jigifieri Lourdes Castillo. Meta Grace talbitha biex terga tiltaqa maghha biex jitkellmu dwar il-privat tat-tifla, *Omissis* ddecidiet li tmur. Dan gara fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006). Qalet li kienu ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu u marru jiltaqhu hdejn il-Knisja. Qalet li Grace tatha lift fil-karozza taghha, qalet li hin minnhom sakret kullimkien, qalet li ma setghetx tohrog u bdiet tghidilha biex tnizzilha izda ma riditx u qaltilha li ser tohodha ghand ommha u missierha, qaltilha li ma tridx tmur ghand ommha u missierha u ma riditx taghti kasha u baqghet sejra. Waslu fejn jirmigga l-vapur ta' Ghawdex fejn il-Hotel Riviera u kien hemm il-genituri ta' *Omissis* u spjegawa li kienu huma stess li qabdu lil Grace biex tiffolowjaha, tara fejn kienet qed tghix u minn hemmhekk jakkumpanjawha ghal ghandhom. *Omissis* xorta ma baqghetx ma ommha u ma missierha minkejja li din Grace kienet haditha ghandhom u regghet marret fid-dar fejn kienet qed tghix ma' Alfred Caruana Debrincat. Din fethet qalbha mieghu u taghha parir biex tmur taghmel rapport lil pulziija dwar dan kollu.

L-Ispettur xehed li kellem lil Alfred Caruana Debrincat li kkorabora f'kollox li *Omissis* irrakuntat fejn kien hemm hu prezenti. *Omissis* qalet lill-Ispettur li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) irceviet sms minghand persuna li kien identifika ruhu fil-messagg bhala Lourdes u din Lourdes kienet offritilha biex jekk trid tigi hdejha meta hi tiehu l-medinicali psikjatrici, kienet lesta li tghinha. Qaltlu li kien hemm mumenti meta kienet ghadha fil-karozza ma' Grace, meta kienet haditha ghand ommha u missierha fejn Grace kienet anke bdiet toffrilha jekk tridx anke tigi tahdem maghha f'dan it-tip ta' xoghol. Minhabba dan dehrlu li kellu jibghat ghal genituri ta' *Omissis* u kellimhom. Huma kkonfermaw li kienu kkumisjonaw lil Grace Gatt li gharaf fl-awla biex

isegwi l-passi ta' binthom sabiex tirritorna d-dar izda li qalulu li fl-ebda hin ma qalulu biex igibha kontra l-volonta taghha. Qalu li fl-ebda hin ma kienu jafu li din ma kelliex licenzja jew awtorizazzjoni biex taghmel dan ix-xoghol. Qalu li din rawha f'riklamm, f'avviz f'magazine, gurnal. Qalu li raw in-numru tat-telephone taghha u ddecidew icemplu biex jitolbu s-servizz taghha. Huma ghaddewlu kopja tar-riklam minn fejn kienu sabu n-numru ta' Grace Gatt.

Komplew aktar investigazzjonijeit u fit-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) ghal habta ta' xil-11:20am Spiridione d'Amato irraporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li kien ghadu kemm innota li hemm ragel isegwilu passih u li kien qieghed vicin id-dar tieghu jiehodlu ritratti. Il-kwerelant qallu li ma kellu l-ebda idea ta' min hu dan il-persuna pero ssuspetta li dan ir-ragel kien qieghed juza karozza bin-numru ta' registrazzjoni li jibda bin-numru JAF. Il-Pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet u ma rrizulta xejn. Fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) Spiridione d'Amato rega' talab l-assistenza tal-Pulizija ghax rega nnota persuna ohra li kien qed jigbidlu l-filmati hdejn d-dar tieghu u rnexxilu jiehu n-numru ta' registrazzjoni li kien EAW -342. Il-Pulizija marret fuq il-post u rnexxilhom iwaqfuh immedjatament fuq il-post huwa u jigbed dawn il-filmati. Gew elevati numru ta' affarijiet, dan il-persuna kien Costantino Pawney. Kellu dsatax (19)- il sena u jghix in-Naxxar. Tellghuh l-Ghassa u tawh is-solitu twissija u spjegawlu d-drittijiet tieghu u spjega li kien iddecieda li jaghmel xi xoghol ta' private investigator. Qallu li xi hmistax il-gurnata qabel gie ikkuntatjat minn certu Jonathan Mulligan u saqsieh riedx jassistih f'xi xoghol ta' private investigator. Kien dan Jonathan Mulligan li tah ritratti dwar Spiridione d'Amato u li dan ha anke video camera biex jigbed il-film u li tah dettalji ohra biex ikun jista' jsibu u jiffilmja l-persuna t-tajba. Meta staqsih jekk Jonathan Mulligan kienx jahdem ghal xi hadd, qal li ghal li Grace Gatt. Staqsieh jekk qattx iltaqa' ma Grace Gatt u qal li kien iltaqa maghha in-Naxxar. Huwa akkumpanjah u urieh id-dar fen tghix l-imputata Grace Gatt, qal li kienet qaltlu li minn dakinhar 'l hemm ried isegwi l-istruzzjonijiet kollha li jaghtih Jonathan Mulligan li kien impjegat taghha u li kien obbligat li jaghmel dak kollu li jghidlu l-istess Jonathan

Mulligan. Huwa tah ukoll in-numru tal-mobile ta' Grace Gatt. Huwa arresta lil Jonathan Mulligan u kompla xi investigazzjonijiet. Beda igib profiles tan-numru tat-telefone, profiles ta' Jonathan Mulligan, profiles ta' Costantino Pawney u kien hemm numru li qanqallu certa suspett. Dan kien ta' certu Charlot Tabone u baghat ghaliex u gie l-Ghassa tal-Hamrun. Sjegalu li f'xi jiem qabel Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) qallu li kien irrintracca avviz ta' privvate investigation duties li hu offrut minn Grace Gattt u iddeciedha li jcempillha ghax kellu naqra ta' problema familjari. Kien iltaqa ma' Grace Gatt li accettat li tahdimlu x-xoghol tieghu u qaltu li kien se jigi jiswieh tlett mija u hamsin lira. Kien hallas mitejn u hamsin lira bhala depozitu u taghtu ircevuta tal-VAT li kien ipproducilu. Huwa kien tah in-nurmu ta' mobile ta' Grace Gatt. Ghadda biex jarresta lil Lourdes Castillo li kienet ma Grace Gatt meta kienet qieghda tieghu ritratti. Kellem ll Lourdes Castillo wara li avzaha bid-drittijiet legali taghha u ammettiet li fix-xahar ta' Ottubru 2006 kienet akkumpanjat lil Grace Gatt lejn ic-Cirkewwa fejn kienu iltaqghu ma' persuna bl-isem ta' Saviour li kien talab is-servizzi ta' Grace biex tirritornalhom it-tifla taghhom id-dar. Spjegat kif kienet qabdet taghmel xi xoghol ghal Grace u li kienet ghamlet anke xi xoghol jigifieri Lourdes biex issib ir-residenza fejn kienet qed tghix din *Omissis*. Spjegat li kienet hi stess li kienet uriet lil Grace il-post fejn kienet qed tghix din *Omissis* biex setghet gibdet xi ritratti. Kienet cahdet li kienet ma' Grace meta Grace kienet waslet lil *Omissis* fil-karozza taghha ghand missierha. Spjegat li kienet qabdet taghmel xi xoghol ghal Grace u kienet ghamlet anke xi xoghol biex issib ir-residenza fejn kienet qed tghix din *Omissis* u spjegat li kienet hi stess li uriet lil Grace il-post fejn kienet qed tghix din *Omissis* biex setghet gibdet xi ritratti. Kienet cahdet li kienet ma' Grace meta walset lil *Omissis* ghand missierha. Hija kienet irrifjutat li tghid dan kollu meta giet mitlub tikkonferma dan kollu fl-istqarrija bil-miktub.

L-Ispettur spjega li pproceda biex jarresta lil Grace Gatt fejn din wara li avzaha bid-drittijiet taghha ghazlet li ma taghmel ebda stqarrija. Meta kellimha verbalment qaltlu li kienet tafha lil *Omissis*, li veru kienu insistiet biex tibghat lit-tifla taghha ghal xi lezzjonijiet tal-privat ghandha. Ikkonfermat li veru kienet akkumpannjat lil *Omissis*

ghand missierha pero' cahdet li kienet ghamlet dan kontra l-volonta' ta' *Omissis*. Spjegat li peress li kienet sospiza mix-xoghol tal-Pulizija u kien hemm zmien li kellha diffikultajiet finanzjarji kbar, il-mard li kellha fil-familja kien qieghed jiswiha hafna flus. Qaltlu li lanqas x'tiekol ma kellha u kien hemm okkazzjonijiet fejn iddeciediet li tiehu xi ikel biex tieklu minn xi fridges li kien hemm tal-isptar, '*being staff jew x'naf jien minghajr ma talbithom il-kunsens taghhom.*' Hi xtaqet li ma tikkomettiex dan kollu bil-miktub.

Kompla anke investigazzjonijiet f'dik il-parti fejn kien dahal Spiridione d'Amato li kien issuspetta li kienet il-mara li kkumisjonat lil Grace Gatt biex tqabbad persuna ohra biex issegwieh. Baghat ghal mara izda ma kien hemm ebda koperazzjoni pero huha qal li mhux hi qabditha lil Grace Gatt izda hu qabadha ghax beda jissuspetta hazin fir-ragel taghha u dehrlu li kellu jqabbad lil Grace Gatt biex taghmel dan ix-xoghol. Qal li fl-ebda hin ma kien jaf li din kienet minghajr licenzja. Qal li dehrlu li la beda jara l-avviz taghha kullimkien qal li haseb li kien kollox skond il-Ligi. Huwa irrilaxxa stqarrija f'dan is-sens. L-Ispettur spjega li Costantino Pawney u Jonathan Mulligan huma akkuzati fi Qrati diversament preseduti.

Huwa prezenta stqarrija ta' Lourdes Cutajar bhala Dokument CB1, stqarrija rrilaxata minn Grace Gatt bhala CB2, estratt mill-att ta' twelid ta' Grace Gatt bhala CB3 u ta' Lourdes Castillo bhala dokument CB 4. Esebixxa ukoll kopja tac-certifikat mahrug minn Dr Vella Baldacchino li kien ghadda lilu minn *Omissis* fl-ewwel stadji tal-investigazzjoni immarkat bhala Dokument CB5. Esebixxa ukoll kopja ta' dkument mghoddi mill-genituri ta' *Omissis* meta kellimhom u saqsihom dwar kif kienu jafu bis-servizzi li qeghdin jigu offruti minn Grace Gatt. Dan gie ipprezentat bhala Dokument CB6. Prezenta ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat sommarjament.

**WPC 51 Louise Grech** xehdet fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn qalet li Grace Gatt bin-numru tal-karta tal-identita' 34568G kienet membru tal-Korp tal-Pulizija, kienet surgent u kellha n-numru WPS59. Kienet ila sospiza mis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u kienet ghadha sospiza sad-data li giet

discharged mil-Korp. Esebiet Dok LG1 li hija ittra datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) dwar proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tal-imputata Grace Gatt, it-tieni wahda hija ittra datata s-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) immarkata bhala Dok LG2 li ukoll tirrigwarda proceduri dixxiplinarji li ttiehdu fil-konfront tal-imputata. It-tielet dokument immarkat bhala Dok LG3 huwa r-record of service tal-imputata Grace Gatt li gew iccertifikati bhala kopji awtentici tal-original. In kontro-ezami ikkonfermat li meta membru tal-korp tal-Pulizija jigi discharged u anke sospiz irid jirritorna lil Korp l-uniformi, kull badge, numru u kwalunkwe haga ohra li tidentifikah bhala ufficjal jew membru tal-korp.

**WPC 260 Melanie Formosa** xehdet fil-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn giet murija dokument CB 2 esebit a fol 26 tal-porcess u gharfet dan id-dokument bhala l-istqarrija rilaxxata mill-imputata Grace Gatt li gharfet fl-awla. L-istqarrija giet rilaxxata wara li Grace Gatt inghatat d-debita twissija skont il-ligi. Gharfet fuq id-dokument il-firem taghha u tas-Supretendent Bartolo. Xehdet li l-imputata Grace Gatt ghazlet li ma tiffirmax dan id-dokument.

Il-**Maggur 187 Mario Cassar** xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn prezenta rapport bhala MC1 li sar minn *Omissis* detentrici tal-karta tal-identita' 5187(G). Ir-rapport kien sar lis-Surgent Marco Mifsud fl-Ghassa tal-Qawra fejn *Omissis* irrapurtat li kienet ser titlaq mid-dar tar-residenza tal-familja taghha u prezentat certifikat mediku biex tghid li ma kelliex problemi psikjatrici rilaxxat minn Dr Joseph Vella Baldacchino. Spjega li fis-sittax (16) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) huwa kien stazzjonat Ghawdex, l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex u minhabba li *Omissis* kienet residenti Ghawdex, is-Surgent 125 Michael Mifsud li ha r-rapport l-Ghassa tal-Qawra kien cempel l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex.

Is-**Supretendent Carmelo Bartolo** xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) u prezenta l-fedina penali tal-imputati bhala Dok CB 8 u CB 9.

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed **PS 443 Vincent Mifsud** stazzjonat il-Police Licensing Office li dwar Grace Gatt qal li kienet applikat f'Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) ghal licenzja ta' private guard u li l-applikazzjoni kienet giet rifjutata. Ir-rifjut hareg fit-tlieta (3) ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007). Mir-ricerka li ghamel hu, din l-unika applikazzjoni li kienet saret f'isem Grace Gatt bil-karta tal-identita' li semma. Gie mitlub ukoll jaghmel ricerka dwar Costantine pawney li qal li la nstabet licenzja u lanqas applikazzjoni u fil-konfront ta' Lourdes Castillo, qal li la hemm licenzja u lanqas saret applikazzjoni. Dwar Jonathan Mulligan qal li kien applika ghal licenzja ta' private guard u l-applikazzjoni giet accettata fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2005) u harget bid-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005). Meta l-licenzja giet ghar-renewal ghas-sena elfejn u sitta (2006) - sena elfejn u sebgha (2007) giet rifjutata mill-Kummissjarju tal-Pulizija. Din id-decizjoni giet appellata u d-decizjoni tal-Kummissarju giet revokata u f'Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) intbaghtet ittra lil Kummissarju mill-Ministru dwar l-ezistu tal-appell. Il-licenzja ghada valida sat-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Jonathan Mulligan ghamel applikazzjoni ghal licenzja ta' Agenzija ghal Gwardjani Pirivati f'Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007). Il-licenjza harget fid-19 ta' Ottubru, 2007 u skadiet fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) minkejja li ntbaghtu zewg *reminders* ghar-renewal, il-procedura tar-renewal ma saritx. Esebixxa bhala dokument VM1 li jikkonsisti f'hames (5) facati il-licenzja u d-dokumentazzjoni l-ohra msemmija fid-depozizzjoni tieghu fil-konfront ta' Jonathan Mulligan u din fejn tirrigwardja licenzja tal-Gwardjan Privat. Esebiza ukoll bhala dokument VM 2 li jikkonsisti f'erba (4) faccati u li huma l-licenzja u l-korrispodnenza li semma fid-deposizzjoni tieghu fil-konfront ta' Jonathan Mulligan ghal dak li jirrigwarda l-licenzja l-Agenzija tal-Gwardjani Privati.

**PS860 Keith Caruana** xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn spjega li fl-elfejn u sebgha (2007) kien Surgent l-Ghassa tal-Hamrun.

Fit-tnejn (2) ta' Jannar, Spiridione d'Amato kien gie jirraporta l-Ghassa Hamrun fejn informah li waqt li kien fuq il-bejt tad-dar residenza tieghu li tinsab f'67 Dione Triq San Gwann Hamrun kien innota xi persuna f' xi vettura u tigbed xi ritratti aktarx lejn id-direzzjoni tieghu. Is-Surgent fix-xhieda tieghu ghamel referenza ghar-rapport 7/P/16/2007. Qalilhom li l-vettura aktarx ghandna numru ta' registrazzjoni JAF u n-numri ma jafhomx u lanqas l-ghamla tal-vettura u ma kienx cert fuq il-kulur ghax kien id-dlam. Infurmah li kien ghaddej minn kawza ta' separazzjoni minn mal-mara tieghu u l-mara ma kintix qieghda tghix fir-residenza matrimonjali taghhom. Minhaba din ic-cirkostanza kien infurmah biex jghaddi l-ewwel hjiel jew informazzjoni u jaghmel rapport. Ftit wara, s-Sur Spiridione gie l-ghassa u infurmahom li kien hemm persuna barra rresidenza tieghu qed jigbed xi video. Dan kien tifel u taghhom in-numu ta' vettura EAW 342 u mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija din il-karozza kienet giet misjuqa minn certu Constantino Pawney bin-numru tal-karta tal-idenita' 329187(M). Kien gie mghajjat u qalilhom li kien qed jigbbed xi video ghax gie imqabbad minn xi hadd biex jigbed video lil Spiridione D'Amato fejn hu kien uriehom l-video camera u l-video. Is-Sur Pawney kien semmielu zewg persuni. Dwn il-persuni kienu ragel imqabbad minghandu certu Melvin u li kien hemm konnessjoni ma certu Grace li kien qed jaghmilha bhala Private Investigator. Qal li lis-Sinjura Grace jafha bhala persuna membru fil-Korp tal-Pulizija. Qatt ma kellimha izda jafha 'by sight'. Huwa gharafha f-awla. Hu eleva video camera, ritratti u dokumenti u hallihom handover li kellu jghaddi kollox lil Ispettur Nezren Grixti. Huwa kkonferma li kien qieghed jaghmel referenza ghal video camera li kellu Constantine Pawney. Dak in-nhar ma jafx ezatt x'ra izda kien ha notamenti li mhumiex godda ghalih izda mhux kitba tieghu. Il-karta bin-notamenti fuqha u r-ritratti gew esebiti u mmarkati komplessivament bhala Dok KC 1. Spjega li d-dokumenti, video u kollox gie moghti mis-Sur Pawney volontarjament minghajr ma saret tfittxija.

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed **Charlot Tabone** li qal li f'xi zmien fis-sena elfejn u sebgha (2007) f'gurnata li kienet il-hadd baghat ghalih s-Supretendent Bartolo u mar ikellmu l-Ghassa tal-Hamrun u saqsieh kellux

problemi u jekk kellux bzonn iqabad private investigator. Hu kien ikkonfermalu li kien inkariga private investigator. Qal li kien qed jara magazine jew li jigu mal-gazzetti jew li jimpustawh u ra avviz ta' private investigator u kien hemm telephone number. Cempel dan in-numru, kelmitu mara u qaltlu li jisimha Grace Gatt. Qaltlu li jkun ahjar li jiltaqghu biex jaraw ezattament x'hemm bzonn isir fil-kaz tieghu u fil-fatt qaltli biex jiltaqghu hdejn ic-Cimiterju tal-Addolorata. Kienu iltaqghu hemm. Huwa gharaf lill-imputata u iddentifiha bhala Grace Gatt. Kienet talbitu xi dettalji tieghu u dwar xiex ried li tinvestiga. Taghtu stima ta' xoghlha ali kienet mitejn u hamsin Liri Maltin. Huwa hallas dawn meta lestiet ix-xoghol li kellha taghmillu u hargitu rcevuta Grace Gatt. Din l-ircevuta qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok CT1.

**Costantino Pawney** xehed fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn ikkonferma li kienu ttiehdu proceduri fil-konfront tieghu u li inghata sentenza fejn gie kkundannat multa ta' mitt lira Maltin. Huwa kien gie akkuzat li ghamel xoghol ta' Private Investigator. Xehed li gie habib tieghu jafu n-Naxxar, Jonathan Mulligan u habbatlu d-dar u saqsiex jekk xtaqtx jahdem mieghu. Spjegalu biex jahdem bhala priate ivestigator. Zmien qabel kien ghamel kors ta' security, kien gelghu jaghmlu u ghamlu u qallu li b'dak ic-certifikat tista' tahdem u hajru u kien mar jipprova. Dwar meta gie arrestat fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) spjega li kien il-Hamrun isegwi mara, u gew il-pulizija. Qal li kien b'karozza Rover bin-numru EAW 342 li hija tieghu personali. Kien baghtu Jonathan Mulligan ghax imbaghad l-imghallma tieghu kienet Grace Gatt izda Jonathan kien jghidlu x'jaghmel. Meta sabuh il-Pulizija kien fejn il-Knisja tal-Hamrun u hadulu camera li kien tah Jonathan u l-mobile u ritratt u kitba. Lilu ma halsux ghal din il-bicca xoghol ghax kien mar jiprova dakinhar. huwa gharaf lill imputata Grace Gatt fl-awla u qal li darba hadu Jonathan id-dar taghha u gieli baqa jiltaqa' maghha fuq dan ix-xoghol ta' private investigator. Kienet ghamlitlu speci ta' interview u jiftakar li mhux hi biss anke Jonathan qalulu li b'dan ic-certifikat ta' security tista' tahdem u il-quddiem igib il-licenzja. Fil-kors qalulu li trid licenzja izda qaghad fuq il-kelma taghhom. Mieghu ma kienx hemm xi hadd iehor qed jahdem. Mistoqsi kemm il-bicca xoghol ghamel, qal li dik

id-darba li nqabad u darba ohra. Kien qed isegwi ragel. Qal li gurnata wahda mar u mal-ewwel inqabad. Wara kien kelmu Jonathan Mulligan izda beda jiprova jaharbu u qallu li nqabad u qal il-verita'. Beda jsaqsih jekk qallux li jista' jahdem bic-certifikat biss u qallu li iva hekk kien qallu. Fuq il-kaz qatt ma kelmitu Grace. Huwa gharaf id-dokumenti esbiti bhala Dok CT 1 a fol 84 tal-process bhala dokumenti li kienu ghandu dakinhar. Jonathan Mulligan kien urieh post u mara kien urihomlu. Kien qallu biex jara jekk din il-mara tmurx ghand dan ir-ragel, tidhol id-dar tieghu. Bil-camera kellu jifilmaha hierga jew diehla. Kien urieh hu fejn joqghod dan ir-ragel, kien qallu li forsi jirkbu fil-karozza. Il-karta kien tahielu izda ma rahx jiktibha. Fuq din il-bicca xoghol ma tkellimx ma' Grace izda ma Jonathan. Kellu jiehu struzzjonijiet minghand jonathan u qatt ma ltqawghu ma' xi hadd iehor f'dan ix-xoghol.

Dwar Grace, Jonathan kien qallu li kienet ex Pulizija u li ghandha din il-kumpanija ta' private investigor izda x-xhud ma jafx x'isimha l-kumpanija. Kellu n-numru tal-mobile ta' Grace fuq il-mobile. Jghid li mar jiprova u fuq flus ma ftehmux.

In kontro-ezami mistoqsij jekk meta tkellem ma' Grace kellimha fuq suggett kompletamet differenti, wiegeb li le.

**Philip Scicluna** xehed fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qal li jokkupa l-kariga ta' Spettur tal-VAT gewwa l-ufficju legali fl-istess Dipartiment. B'referenza ghal dok CT 1 a fol 24 xehed li din hija ricevuta rilaxxata mis-Sinjura Grace Gatt ghal konsulenza maghmula lil Charlot Tabone , hija ricevuta fiskali. Xehed li d-dipartiment jinizjala kotba ta' rcevuti fiskali u din hija wahda minnhom awtentikata. Mistoqsi jekk mid-dokument jirrizultalux min hu l-persuna registrata qal li Grace Gatt private investigation Malta Pjazza Victoria Naxxar NNXR 04.

Stante li l-Magistrat sedenti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz, wara l-bdil tal-Magistrat sedenti, fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) iddikjaraw li qed jezentaw lil din il-Qorti milli terga tisma'l -provi mismugha fil-kaz.

**Spirdione D'Amato** xehed fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) li kkonferma li matul is-sena elfejn u sitta (2006) u elfejn u sebgha (2007) kien ghaddej bi proceduri ta' separazzjoni mal-mara. Mistoqsi dwar assistenza li talab lil Pulizija f'Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), qal li fl-ewwel (1) u qas fit-tnejn (2) ta' Jannar, kien qieghed fil-gallerija u ra karozza suspettuza qed tigbidlu ritratti u thares lejh. Peress li kienet ipparkjata fil-kantuniera ma setghax jara n-numru, cempel l-Ghassa u tahom id-dettalji tal-vettura imma n-numri ma setghax jarahom. Kien ragel ghadu zghir. Kien ilu jinnotah ghax gieli kien ikun sejjer ghax-xoghol, u kien jarah f'kantuniera izda ma jistax jghid kienx l-istess bniedem. Cempel l-ghassa tal-Hamrun u qalulu li ghalkemm ma jistghux jidhlu fl-access huma, jekk terga jara xi karozza suspettuza icemplilhom. Rega ra karozza ohra, kienet bi tnejn min nies jiehdu r-ritratti jew video. Harget l-gharusa tat-tifel biex ikunu certi u niezel it-tifel biex jittawwal minn fuq il-bejt, niezel fil-gallerija. Dak il-hin ix-xhud cempel l-Ghassa bhal ma qalulu biex jaghmel u kien hemm is-surgent Keith u qalulu li tilghin issa. Telghu sabuh ghax qalilhom x'karozza kienet, jekk mhux sejjer zball Rover. Meta gew il-pulizija haduhom maghhom l-ghassa. Xehed li r-ritratt f'evelope a fol 81 huwa hu, dak hadu hdejn ic-cimiterju tal-Mellieha peress li kien ghadu kemm miet missieru u xtaq jiehu xi erba' ritratti tal-qabel, l-ewwel ritratt ta' karozza qatt ma rah ghax huha kien niezel ghand zijuh u gabarhom hu r-ritratti. Il-mara hadet kollox minghand zijuha ghax zijuh qal li gabarhom huha. Xehed li lill-akkuzati ma jafhomx u qatt ma rahom.

**Gerald Quintano** xehed fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn b'referenza ghas-sena elfejn u sebgha (2007) qal li ohtu kellha problema mar-ragel Dione D'Amato. Jghid li kien hemm mara ohra mdefsa u kien ghaddej minn triq Hal Qormi u rah ma' ohra go karozza. Kien waqaf ikellmu u qallu '*bir-ragun tfajtha t-tarag qedtlu ghax ghandek mara ohra*' u qallu '*hallini lili*'. Mar id-dar u beda jisma' riklam jew magazin ta' private investigator. Cempel u kellmu ragel minghalih u ftehmu u ltaqhu. Lil ohtu ma qaliliex x'kien behsiebu jaghmel ghax kienu ghaddej b'inkwiet. Ma dan ir-ragel iltaqghu d-dar tax-xhud, tah ritratt. Ma tahx depozitu. Qatt ma mar l-ufficju u qatt ma

ltaqa' ma dan ir-ragel. Lanqas qatt ma ltaqa mal-akkuzati. Dan ir-ragel li ltaqa' meighu kien bin-nuccali u kellu tletin, hamsa u tletin sena izda mhux cert. Huwa tah ritratt tar-ragel ta' ohtu, Dione D'Amato. Huwa kkonferma r-ritratt li jinsab fl-envelop a foglio 81 bhala r-ritratt li tah u ritratt ta' karozza. Il-kitba mhijiex tieghu. L-investigatur beda jikteb x'beda jghidlu. Ma jahsibx li qdih dan ir-ragel ghax ma hadimx mill-ewwel inqabad u qatt ma tah flus.

A fol 151 gie ipprezentat 'certify hospital attendance' dwar Lincolm Ciantar;

***Omissis*** xehdet fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn spjegat li f'Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) kienet telqet mid-dar u l-familja taghha kienet pruvat jikkuntatjawha imma hi ma ghamlitx kuntatt u darba minnhom kienet toqghod ma' Alfred Caruana Debrincat il-Marsa. Kien hemm wahda toqghod quddiemhom u x-xhud bdiet tghamlilha l-privat tal-matematika. Darba cemplilha xi hadd fuq il-mobile u qalilha biex tmur tghallem, jekk tistax tghin lit-tifla taghha fil-matematika. Kienet qalet li jisimha Grace u tiftakar li kienet iltaqghet maghha hdejn il-knisja tal-Hamrun. Hija gharfet lill-imputata Grace Gatt. Marret tiltaqa maghha u marret id-dar taghha, kien il-Gimgha u l-Hadd regghet iltaqghet maghha u qaltilha li kienet qabditha ommha u missierha biex ifittxuh u kienet qaltilha jekk tixtieqx tiltaqa' ma ommha u ma missierha u kienet qaltlilha li iva tixtieq tiltaqa ma ommha u missierha u fil-fatt kienu marru jiltaqghu ma ommha u ma missierha. Umbghad regghet marret lura ghand il-persuna li kienet qieghda tghix maghha u kien irrabja hafna li ltaqghet ma ommha u ma missierha. Filghaxija regghet ghamlet kuntatt maghha Grace u kienet qaltilha li ma riditx tkellimha aktar u baqghet icemplilha u marret l-Ghassa biex taghmillha rapport biex ma tibqax tkellimha. Tahseb li ratha kienet l-Ghassa. Tghid li ma tiftakarx iktar. Kienet marret dak inhar u kienet regghet kelmitha. Ikkonfermat li darba tkellmet mat-tabib Vella baldacchino u dan qabel telqet mid-dar Ghamlet appuntament ghax kienet tiehu xi pilloli l-prozak anti-depressants li kien tajomla Dr. Anton Grech li kienet ilha tiehu hafna u kienet hasset li ghandha tibdel it-tabib u terga' tiehu second opinion. Kien qalilha li ma hemmx bzonn tiehu aktar il-piloli, li tista twaqqafhom u

waqfithom. Kien ghamlilha certifikat izda ma tiftakarx x'kien fih ezatt, li qieghda fi stat mentali tajjeb li tista' tiehu decizjoni wahedha. Tghid li kienet ghamlet zball, kienet tkellem lil dan Alfred Caruana Debrincat li kienu jghidulha biex ma tkellmux u hi haditha kontrihom li qed jindahlulha u li mhux qed ihalluha tiehu decizjoni taghha. Tghid li huma kienu jghidulha ghal gid fil-verita' imma dak iz-zmien haditha kontrihom. Kien ikollha xi kwistjonijiet, ghamlet ta' rasha u qabdet u telqet. L-ewwel iltaqghet ma' Grace biex taghti privat u t-tieni darba biex tiltaqa' mal-genituri taghha. Ghall-ewwel ma riditx imma mbaghad accettat li tiltaqa' maghhom u ltaqghet maghhom wara nofs in nhar.

Ghall-ewwel bdiet tirrifjuta imma mbghad tahseb li xtaqet, ma tiftakarx. Bdiet tirrifjuta li tiltaqa maghhom. Spjegat li t-tifla li kienet qed tigi l-privat id-dar fejn kienet toqghod, darba minnhom halsitha u taghta l-bqija u ratha tilghab bil-mobile u ndunat li qed tiehu ritratti gewwa fejn kienet qed toqghod. Giet xi darbtejn, umbghad cemplet Grace u qaltilha li saret taf li qed taghti privat u staqsietha tistax tigi d-dar taghha u kienet accettat u t-tifla l-ohra qatt ma regghet giet aktar. L-ewwel darba cempiltilha mara biex tibda taghtiha l-privat izda ma titakarx x'isimha izda tiftakar li meta cemplitilha ohra biex taghtiha d-dar taghha kienet iltaqghet ma Grace. Qalet li ghandu jkun reghhu ftehmu gurnata ohra u kienet regghet marret u dak inhar kienet qaltilha li qed ifittxuha ommha u missierha. Ikkonfermat li kienu kelmuha girien biex jghidulha li xi hadd fit-triq jiehu ritratti. Qalulha li oht dik li tigi ghal privat u qalulha toqghod il-Marsa. Darba irceviet messagg fejn qaltilha "*ommok hallietlek il-pilloli mieghi*' dan baghtu xi hadd jismu Lourdes u hi ma kinitx ghada tiehu pilloli u ma tiftakarx irrispondieditiex b'messagg lura jew le.

Ikkonfermat li meta kienet izghar, il-genituri haduha ghand psikjatra u kienet tiehu xi medicinali u wara bdiet thoss li ma ghandhiex bzonnhom iktar u marret ghand Dr Vella Baldacchino li qalilha li ma ghandhiex bzonnhom aktar. Il-genituri kienu talbuha biex tmur lura d-dar izda ma riditx, bejn meta ma riditx ghal meta saret taf lil Grace kien minn Awissu sa Ottubru, xahrejn. Dwar Grace qalet li t-tieni darba kien minghaliha li sejra d-dar taghha imma mbghad minflokk kienet qaltilha li avvicinawha ommha u missierha biex tfittixha. Ma tafx tawhiex flus. Ghall-ewwel qaltilha li ma riditx tkellimhom. Kien il-

Hadd filghodu u ftehmet li terga' tmur id-dar taghha. Qaltilha li hi priate investigator u li ommha u missierha kienu avvicinaw lilha biex tfittex lilha. Dan qaltulha x'hin rikbet il-karozza. Qaltilha li ommha u missierha kienu qabdu lilha biex ifittxuha u dak il-hin irrabjat. Imbghad marru f'kafeterija. Meta qaltilha li ma tridx tiltaqa' maghhom tahseb li qaltilha li jitkellmu, ma tiftkarx. Kien hemm hin li fil-karozza Grace cemplet lil missier ix-xhud. Kienu marru jiehdu kafe u kienet marret tiltaqa ma ommha u missierha. Dan kien Santa lucija H'Attard. Umbghad kienu marru r-Riviera jekk mhijiex sejra zball hdejn ic-Cirkewwa, l-ewwel cemplet lil omm u missier ix-xhud u qaltilha li qeghda maghha umbghad marru jiltaqghu. Marret tiltaqa ma ommha u ma missiera c-Cirkewwa dik il-lukanda ta' hdejn ir-Riviewra. Ommha u missierha marru lura Ghawdex u hi marret fejn keinet qed toqghod. Ommha u missierha Ghawdxin u hi kienet toqghod Ghawdex. Marret fejn kienet toqghod u saqsiha x'gara u qaltlu li ltaqghet ma ommha u ma missierha u kien vera rrabja. Ommha kienet taghtha kaxxa hwejjeg biex ittihielha ghax hi telqet b'xejn u kienet qaltilha biex ma tkellimiex aktar u filghaxija regghet cemplitilha u qaltilha biex jiltaqghu. Qaltila li ghandha l-kaxxa tal-hwejeg li taghta ommha biex jiltaqghu biex taghtihilha u hi ma riditx tkellimha iktar ghax ma riditx tmur lura ma ommha u ma missierha u xorta ltaqghu l-Marsa u kien kellimha r-ragel li kienet toqghod mieghu u baqghet niezla l-ghassa taghmlilha rapport biex ma tigix tkellimha iktar. Il-kaxxa tal-hwejjeg ma tatiliex.

Regghet spjegat li meta kienu il-Hamrun u qaltilha li ma ridix tiltaqa maghhom, mexiet bil-karozza, baqghet issuq u marru. Mistoqsi '*Kien hemm xi hin issakkart fil-karozza inti?*' wiegbet '*Tipo s-central lock.*' Bdew mexjin u sakret ic-central lock. Ma saqsiethiex ghalfejn sakret is-central lock u hi fehmet li se tiehodha hdejn ommha u missierha. Huma u sejrin waqfu jiehdu kafe'. Nizlet mill-karozza u marret tiehu kafe' Santa Lucija. Ma tahsibx li pruvat tahrab, le. Ma tahsibx li dak il-hin regghet qaltilha li ma tridx tiltaqa' ma ommha u missierha. Hadu l-cafe' u regghet rikbet fil-karozza maghha.

Missierha ma jsuqx allura saq biss mill-vapur sar-Riviera. Grace ftehmet maghhom ghal post, hi kienet qeghda f'kuntatt maghhom. Ma kinitx qed tkellimhom dak iz-zmien, ma

kinitx qed iccemplilhom. Qaltilhom li qieghda maghha u li ha tiltaqa' maghhom. Fil-bidu ma riditx tiltaqa' ma ommha u missierha. Irrabjat li qabdu lil xi hadd meta hi kienet ghamlitha cara li ma riditx tmur lura d-dar imma mbghad wara x'hin beda jghaddi l-hin, kienet accettat, qisha xtaqet tiltaqa' maghhom. Fil-bidu ma xtaqitx tiltaqa maghhom. Qaltilha ghax kienet irrabjata li qabdu lil xi hadd meta ghamlitilhom cara li ma tridx tmur lura u huma qabdu lil xi hadd biex joqghod isegwiha u jara fejn hi. Kien hemm naqra xewqa li terga tarahom ftit. Qalet li ommha u missierha kienu u tkellmet maghhom u aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar fehmet. Iltaqghu fejn ir-Riviera taac-Cirkewwa ma ommha, missierha u hutha. Qalulha li kienu inkwetati u li jixtiequ li terga' tmur lura u li jekk ghandhiex bzonn xi hadga u jekk ghamluliex xi hada bie xtelqet u kienu ferhu li regghet rathom. Qalulha li qabdu lil Grace biex tfittex biex tara fejn hi ghax kien l-uniku mezz li setghu gahx kienet bidlet il-mobile. Huma regghu marru lura lejn Ghawdex u Grace regghet waslitha lura fejn kienet toqghod. Hi kienet zbaljat u telqet mid-dar u taf li batghu hafna ommha u missierha dak iz-zmien. Fil-karozza Grace Gatt qatt ma kelmitha bil-herra jew heditha, ix-xhud kienet irrabjata li qaltilha li ha jmorru d-dar u baqghu mexjin u dahket biha fis-sens li kienet se tiehoodha kienet diga miftehma ma ommha u ma missierha imma ma ggieldux. Wara li marru jiehdu kafe setghet qabdet u qaltilha li mhijiex regha diehla fil-karozza, qalet li bona volonta taghha li regghet marret fil-karozza maghha. Qatt ma uzat vjolenza fizika maghha jew messitha b'xi mod vjolenti. Qalet li ma kienx hemm bzonn iqabdu lilha biex toqghod tfittex fejn hi u li qisha dahket biha ghax mhux vera sejra d-dar taghha u jekk tiftakar sew qaltilha li ommha u missierha mhux bil-fors li trid terga tmur lura maghhom imma huma jixtieq biss li jaraw li hi orrajt u li ma jonqosha xejn. Dejjem bil-kelma t-tajba u qatt ma gholliet il-vuci taghha maghha. Bezghet li se tiehodha Ghawdex, fis-sens li se tiehodha. Li wara li tiltaqa ma ommha u missierha li hi ma tistax tmur lura fejn qed toqghod li bil-fors trid terga tmur. Minn meta marret ghand Dr Vella Baldachino qatt ma regghet marret ghand tabib jew psikjatra u qatt ma hasset il-bzonn. Mistoqisija jekk qatt ghamlet hsara ilha nnifisha, qalet kienet ghada zghira, meta kienet ghada tmur ghand Dr Grech, jigifieri kienet form 2, form 3,

kellha erbatax (14), hmistax (15). Darba kienet. Qatt ma rega kellha xi hsibijiet f'dan is-sens. Kien perjodu ikrah ta' hajjitha u taf li ghamlet zball. Ilum il-gurnata qieghda taghmel PHD, mizzewga u ghandha tarbija.

Il-**Psikjatra Joseph Vella Baldacchino** xehed fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u b'referenza ghal fol 33 tal-process u mmarkat bhala Dokument CB4 qal li huwa certifikat u li rrilaxxah fl-elfejn u sitta (2006) rigward *Omissis*. Baqa' jiftakar il-kaz li kien biex jaghti qisu *second opinion* jew jaghmel stqarrija kif fil-fat ghamel biex jara din il-persuna li dak iz-zmien kienet *sixth form* jekk jiftakar sew jew hierga jew diehla. Kienet f'certu livell, kinitx tbaghti , tistax taghti l-kunsens, tistax tiddeciedi hi l-affarijiet taghha u jiftakar li kienet diga kkonsultat la jaf il-familjari, la jaf hi stess, xi kollega iehoe f'Ghawdex ghax hu rrilaxxah Ghawdex ic-ceritfikat. Is-sinjorina gabha xi hadd li kien jaf li kien fiz-zmien pazjent tieghu. Kien mar mill-Marsa jghix Ghawdex u mar f'xi kunvent tal-Agostinjani, sar qisu fra, kien isemmi xi pirjol u jahseb li *Omissis* ghamlet il-konnessjoni tieghu, saret tafu. Jekk jiftakar sew giet mieghu. Kien hemm stampa li qed jindahhlulha l-familja u ma jriduhiex taghmel certu affarijiet jew certu passi u kien hemm din il-kwistjoni. Kellha dsatax-il sena u kellha diga kunsens u ma rrizulta l-ebda hjiel ta' inkapacita mentali. Kien hemm xi haga ossessiva li ikkonsultat ma kollega iehor. Ma kinitx haga li tinvolvi l-kapacita' di intendere e volere. Kienet xi haga pjuttost fuq apearance taghha. Wara kienu kellmuh il-genituri taghha ghax din kellha l-et'a u giet tkellmu ma dan ir-ragel u jahseb li gelghu jistenna barra u mbghad kellem lilha waheda. Keien hemm xi konnessjoni ma xi ghaqda religjuza. Umbghad rahha forsi xi tieni darba imma iktar jahseb li lil genituri kien kellem u spjegalhom li ghandha l-eta' taghha. Giet tistaqsih biex titlaq mid-dar. Huwa kkonkluda li bniedma on the whole intelligenti, ta' certu livell ta' skola. Kienet taf bejn tajjeb x'inhi taghmel u xi trid.

In kontro-ezami mistoqsi jekk talbuhx biex jintervjeni halli tmur lura d-dar qal li jahseb li iva. Ma jidhirlux li l-genituri gew iktar minn darba. Darba jew darbtejn. Jghid li ma kinitx pazjenta tieghu regolari li ha jerga jara. Il-genituri gew darba jew darbtejn. Lil ommha raha daqxejn in distress, inkwetata. Riedet li t-tifla tmur lura.

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed ***Omissis*** fejn qal li kien avvicina lil Pulizija meta it-tifla *Omissis* kienet telqet mid-dar. Kellha tmintax maghluqa. Ried ikun jaf fejn kienet u avvicina lil Grace. Huwa indika lil imputata Grace Gatt. Sabha fuq magazine li jigu d-dar, sab it-telephone u cemplilha. Din Grace ghenitu jsib it-tifla. Ir-riklam kien ta' private detective. Ikkonferma li kien dak li jidher a fol 34. Thadded mal-mara u ddeciedew li jcemplilha. Iltaqghet id-dar taghhom Ghawdex u dak il-hin ma tahiex flus, kienu ftehmu ghal hames mitt Lira Maltin (LM500). Talabha li ssiblu t-tifla, li jekk issibha tikkonvinciha tigi lura lejn id-dar. Ma kienx jaf jekk kelliex licenjza meta cemplilha. Hu qatt ma saqsiha ghandhiex permess jew le. Hu ried min jghinu mhux min jaghmillu bsaten fir-roti. Grace sabitha t-tifla. Kienu ltaqghu, hadu kafe'. Kienu ltaqghu l-lukanda c-Cirkewwa ir-Riviera. Ltaqghu u tkellmu kordjalment hafna. Staqsa lit-tifla jekk gejja u qaltlu le u taghha xi haga tal-flus ghax ma ridhiex tbati. Lil Grace hallasha cash kontanti. Ma jafx jekk ma Grace kienx hemm xi hadd jassisti, dejjem wahedha kienet.

In kontro ezami b'referenza ghar-riklam a fol 34 ikkonferma li r-riklam fejn kien jghid '*kazijiet ta' relazzjonijiet tal-familja u tfal*' laqatlu ghajnejh. Ikkonferma li fehem li tista' ssiblu t-tifla biex tirrangah maghha. Ghamel li jista u kkonferma li kellem lil diversi persuni inkluz lil Dr Vella Baldacchino. Qal li *Omissis* telqet ghax kienet manipulata mentalment u marret fejn Baldacchino biex isir certifikat. Ikkonferma li talab lil Vella Baldacchino biex jara jikkonvincuhiex halli tigi lura d-dar. Talab lil kulhadd min setgha anke l-Pulizija. Kellem anke lil kapillan.

In ri-ezami dwar il-private investigation ma jiftakarx li tkellem ma haddiehor. In kontro-ezami ikkonfrma li ma jafx jekk Father Refalo cempel lil Grace izda ghen hafna.

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed is-**Supretendent Carmelo Bartolo** fejn qal li fil-perkors tal-investigazzjoni rigwardanti dan il-kaz, kienu investigaw lil Costantino Pawney bhala persuna li kien involut f'dan l-operat li kien ghaddej. Gie mressaq il-Qorti u l-kaz gie deciz fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u

disgha (2009). Kienu elevaw minghandu xi affarijiet li xtaq jesebixxi. Dawn qal li kien tahomlu certu Jonathan Mulligan. Dan Mulligan kien qabdu beix jassistieh u jaghmillu certu xoghol rigwardanti private investigation u tah xi ghodda biex ikun jista' jahdem. Esebixxa video camera bhala Dok CB1, envelope trasparenti tal-plastik kontenenti cassette ckejken u mobile phone tal-ghamla Nokia u karta. Fl-envelope kien hawn ritratt ta' persuna u dan gie esebiet meta din il-persuna telghet tixhed biex tidentifika lilha nnifisha li kein Spiridione D'Amato. Dawn huma affarijiet li gabru minghand Costantino Pawney. Esebixxi pakkett kontenenti kaxxi vojta ta' cassette li kien jikkombaca mad-daqs tal-cassette li gabru minghand Costaninto Pawney. Gabru ukoll xi sim cards li qeghdin fl-enveope. Gabru ukoll xi mobile phones, mobile phone tal-ghamla Sharp li gabruhom minghand Jonathan Mulligan, mobile phone iehor tal-ghamla Nokia u wiehed tal-ghamla Panasonic jigifieri tliet mobile phones. Esebiti f'borza komplessivament immarkati bhala Dok CB3. Jonathan Mulligan kien hareg illiberat minhabba zball procedurali.[1]

**Jonathan Mulligan** xehed fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li qal li kellu kawza kriminali ma Grace Gatt. Dawn gew decizi u ma sarx appell. Mistoqsi kienx iltaqa mal-ispettur fis-sena elfejn u sebgha (2007) qal li ma jiftakarx id-data ezatt imma ikkonferma li dawk il-habtiet. Ma jaghmilx xoghol ta' private investigation, kellu kumpanija tas-security u kellu agenzija. L-agenzija harget minghand il-Kummissarju tal-Pulizija, kienet kumpanija, hu kien shareholder wahdu. Direttur kien hu. Ma jiftakarx meta harget il-licenzja ta' security. Saret referenza ghal fol 73 u wiegeb li dik hija l-agenzija. Qal li dik il-licenzja. Qal li dik l-ewwel licenzja.

Qal li kien ihaddem lil Grace Gatt. Lil Costantino Pawney qatt ma hadmu izda jaf min hu ghax minn Naxxar ukoll. Cahad li Costantino Pawney qatt ghamel xoghol mieghu u cahad li tah jew silfu xi affarijiet biex jahdem bihom. Ma jidirlux li silfu. Ma jafx x'xoghol kien jaghmel. Qatt ma talbu biex jghinu fuq bicca xoghol partikolari. Qal li kieku kien

[1] Skont il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju, 2015, is-Supretendent Carmelo Bartolo esebixxa video camera immarkata bhala Dok CB1, envelope trasparenti tal-plastik kontenenti casette ckejken u mobile phone nokia u karta, liema envelope gie immarkat bhala Dok CB2; pakkett kontenenti kaxxi vojta ta' casettes u sim cards u 3 mobile phones, liema pakkett gie immarkat bhala Dok CB3.

hemm impjegat jahdem mieghu mhux se jinsa. Gie muri borza tal-plastik b'diversi oggetti fosthom tlett mobile phones bhala Dok CB3. Lanqas jiftakar li dawn ingabru minghandu waqt li kienu qeghdin jinvestigah. Lanqas jiftakar l-envelope kannella li ngabru minghandu. Ma jiftakarx li l-mobiles kienu tieghu u lanqas qatt ra l-video camera, simili iva imma mhux l-istss dittta.

Huwa gharaf lil Grace Gatt fl-awla izda cahad li Lourdes Castillo kienet tahdem mieghu. Mistoqsi jekk jafx jekk Grace Gatt meta kienet tahdem mieghu kinitx tqabbad lil xi hadd biex jghinha wiegeb li le ma jafx. Grace Gatt kienet impjgata tal-kumpanija, kienet PRO jigifieri Public Relations Officer.

Gie muri ritratt ta' karozza u ta' persuna a fol 81 u mistoqsi jekk jiftakarx il-persuna qal li le. Jghid li ma jiftakarx min hu, ghaddew disa' (9) snin. Mistoqsi jistax ikun li hu kien jahdem ma Grace Gatt u mhux vice versa wiegeb li le kien hemm il-kumpanija, kien impjegat ukoll mill-kumpanija.

Ma jiftakarx kemm ilu jafha lil Grace Gatt. Il-kumpanija damet topera sentejn izda mhux cert. Dwar ir-ragel li jidher fir-ritratt qal li jekk sar xoghol, vera ma jiftakarx. Lil Costantino Pawney jafu ghax minn Naxxar izda ma kellux xi jghid mieghu. Ma jidhirlux li qatt kellu xi jghid mieghu.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru gietipprezentata sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Grace Gatt Jonathan Mulligan'**[2]. Din is-sentenza regghet giet ipprezentata man-nota prezentata fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) flimkien ma' kopja ta' pagni minn sentenza ohra fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Fabio Zulian ... omissis ... ... omissis ...**[3]'.

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Novembru, 2010 (Numru: 437/2007)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 2015 (Appell Kriminali Numru: 537/2014)

Quddiem l-Ewwel Qorti gew prezentati noti tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-intimati. Gew ipprezentati ukoll il-fedina penali ta' Lourdes Castillo immarkata bhala Dok CB1 u l-fedina penali ta' Grace Gatt bhala Dok CB2. Aktar il-quddiem regghu gew prezentati fedini penali aggornati tal-imputati bhala Dok G.G u Dok.L.C.

Quddiem din il-Qorti giet prezentata nota ta' referenzi tal-appellanta.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti in breve kienu s-segwenti:

1. Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006), *Omissis* irraportat lil Pulizija li wara kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha, hija kienet tat xi privat tal-matematika u li kienet ikkuntatjata persuna bl-isem Grace li saqsitha kinitx lesta li taghti privat lit-tifla taghha u *Omissis* accetat u marret taghti l-privat fid-dar ta' Grace;
2. *Omissis* irraportat li Grace regghet kelmet lil *Omissis* biex terga' tiltaqa maghha biex terga titkellem dwar il-privat tat-tifla u ddecidiet li tmur izda irrizulta li minflokk, Grace Gatt kienet sejra tlaqahha ma' ommha u ma missierha peress li kienet imqabbda minnhom bhala investigatur privat biex issib lil binthom u tlaqqahom wara din il-laqgha, *Omissis* regghet marret tghix ghal rasha.
3. Is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed li fit-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), Spiridione d'Amato irraporta gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li kien innota ragel li qieghed isegwilu passih u kien vicin id-dar tieghu jiehodlu r-ritratti.
4. Fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) Spiridione d'Amato rega talab l-assistenza tal-Pulizija fejn qal li innota persuna ohra tigbidlu l-filmati hdejn id-dar tieghu u kien ha n-numru ta' registrazzjoni. Il-Pulizija waqfu lil dan il-persuna li kien Costantino Pawney li qal li kien imqabbad minn Jonathan Mulligan li dwaru qal li kien jahdem ghal Grace Gatt;

5. Is-Supretendent Bartolo xehed li Charlot Tabone kien f'xi zmien qabel Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) sab avviz dwar *private investigation duties* offrut minn Grace Gatt u kien ikkumissjonaha;
6. Gerald Quinato kien ukoll qal li kien talab is-servizzi ta' investigatur privat biex isegwi l-passi tar-ragel ta' ohtu.
7. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellanta.

Illi l-ewwel aggravju fir-rikors tal-appell jirrigwarda l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*. Permezz ta' din l-aggravju, id-difiza tissottommeti li fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), l-appellanta Grace Gatt issolevat l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* u esebiet sentenza moghtija fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Grace Gatt Jonathan Mulligan'**[4]. F'dik is-sentenza l-imputata kienet giet liberata mill-akkuzi migjuba kontra taghha. F'dik il-kawza skont ma jirrizulta mis-sentenza esebita a fol 191, Grace Gatt u Jonathan Mulligan kienu akkuzati talli:

'*Fis-26 ta' Marzu 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda : haddmu agenzija ta' gwardjani privati bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijeit ta' l-Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.*

*Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, haddmu jew kienu impjegati bhala gwardjani privati bi ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.*'

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel akkuza u cioe' '*Billi intom akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Jannar, 2007 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess*

[4] Kawza numru: 437/2007

*dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, hdimtu bhala agenzija ta' gwardjani privvati jew bhala gwardjati privati jew hekk offrejtu is-servizz taghkom minghajr licenza skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali;'*

L-appellanta tissottometti li iz-zewg citazzjonijiet jirrigwardaw l-istess reat, l-istess fatt u l-istess imputazzjonijiet u anke l-istess zminijiet, allura skont l-appellanta tapplika l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*. Tissottometti li s-sentenza li kienet titkellem fuq is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) u x-xhur ta' qabel tfisser li tkopri x-xhur u li kienet ghalhekk tmur lura sa Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) ghax umbghad meta jghaddi Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), il-ligi titkellem fuq sena jew snin.

L-appellanta tissottometti li l-artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel applikabbli ghall-proceduri kriminali l-artikolu 103 tal-Kapitolu 12. Ix-xhur u s-snin jitkejlu skont il-kalendarju u li fix-xhur ta' qabel jigu hdax-il xahar qabel. Meta jidhlu tnax-il xahar umbaghad issir sena. Taghmel sottomissjonijiet dwar reati kontinwati u dwar li l-Avukat Generali jsemmi numru tal-artikoli tal-ligi, inkluz l-artikolu 18 u mhux stejjer ta' '*A,B u C*'.

Dwar is-sentenza tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010)[5] tissottometti li l-appellanta kienet giet liberata mill-akkuza taht il-kapitolu 389 u mhux fuq kaz uniku ta' Lucian Caruana. Tissottometti ukoll li huwa biss fir-reati fejn isiru offizi fuq persuni li r-reat jista' jkollu rilevanza l-isem u l-kunjom tal-persuna danneggjata imma fir-reati ta' bla licenzja, ma hemmx kwestjoni bhal din. Skont l-appellanta, l-argument tal-Ewwel Qorti kien doppjament zbaljat.

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

[5] Dik fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Grace Gatt Jonathan Mulligan deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Numru: 437/2007)

'*Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax* ***għall-istess fatt*** *ikun suġġett għal kawża oħra.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Filwaqt li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra:

'*(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supretendent Martin Bayliss) vs. Richard Spiteri'**[6] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

'*Il-Prof. Anthony Mamo, fin-noti tieghu dwar il-procedura kriminali jghid hekk:*[7] *"The rule is plain: but considerable difficulties may arise in its application. What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/18) Law Reports Vol.XXIII-I-1077, H.M.s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita del fatto rimane inalterata malgrado la diversa*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru, 2014 (Numru. 1046/2005)

[7] Ara **Notes on Criminal Procedure** pag. 43 et seq. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

*qualificazione legale che gli venga attribuita." In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgement was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial. In the case above- quoted, the previous charge against the defendants had been of adultery and they had been found guilty but exempted from punishment on account of tacit remission on the part of the complainant. Relying on the same facts the prosecution charged them again with defilement of minors. The Court admitted the plea of "res judicata" because the fact was substantially the same even though certain circumstances not mentioned in the previous indictment were included in the subsequent indictment. ... ..."*

*Il-**Prof. Mamo** ikompli jispjega illi:*[8] *"It may happen that one and the same fact may give rise at the same time to violations of several provisions of the law so as to create several grounds of incrimination. By "fact" it was explained in "Rex v. Rosaria Protellli" (C.C. 23/2/1904 – Law Reports, Vol. XIX, p. IV, p.1) – "La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresso non intende il fatto semplicemente storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso." In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in "Rex v. Portelli" above-quoted, has since become settled law. ... ...*

*But it must be strongly emphasized that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the <u>very same fact</u>. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr. App. "Pol. vs. Saliba 28/02/1953 and "Pol. vs. Cassar" 9/1/1954; cfr. also Cr. App. "Police vs. Attard" 17/06/1950.) ... ..." (sottolinear tal-awtur)'*

[8] Ara ibid. pag. 45. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata bhala tlieta (3) fis-sentenza citata)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. M. Buttigieg) Vs Rita Hicklin'**[9] gie kkunsidrat:

***'Illi dwar l-Ewwel aggravju tan-ne bis in idem, dan hu manifestament infondat. Fl-ewwel lok jigi precizat li s- sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-10 ta' Novembreu, 2000, li ghaliha tirriferi l-appellanti, proprjament illiberat lill-appellanti odjerna mill- akkuza li taghha kienet instabet hatja b' sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 t' Ottubru, 2000 , mhux fuq xi motivazzjoni dwar il-mertu izda biss ghax fl-appell ma deherx xhud u skond din il-Qorti ma ngabu ebda provi li b' xi mod jissostanzjaw l- imputazzjoni originarjament migjuba fil-konfront tal-appellanti f' dik il-kawza.***

***Issa trattandosi ta' reat** permanenti **w cioe' "continuing offence", ma hemm xejn xi jzomm lill-Prosekuzzjoni milli terga' tipprocedi mill-gdid fuq l-istess reat permanenti b' riferenza pero' ghal zmien iehor li ma jkunx dak kontemplat fl-akkuza originali li fuqha dak li jkun, ikun gie processat. F' dan il-kaz proprju hekk sar u fil-waqt li l-ewwel process kien jirrigwarda z-zmien u data tat-13 ta' Settembru, 1999 u f' dawk il-granet, din l-akkuza tirrigwarda id-data tat-8 t' Awwissu, 2001u dawk il-granet. Ghalhekk din hija akkuza differenti li dwarha ma kien hemm ebda gudikat u ergo l-ewwel aggravju hu manifestament infondat;'***

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza b'kunsiderazzjonijiet dettaljati fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs. Ramond Mifsud Grech Jean Paul Vella Brian Tonna Jonathan Micallef'**[10] fejn fost ezami dettaljat dwar il-principju tan-ne bis in idem, inghad ukoll:

*'Illi, b'hekk jirrizulta li l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u, fit-tieni lok, illi l- istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess "fatt" (u mhux l-istess "reat"). A rigward il-*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Dicembru, 2005 (Appell Kriminali Numru: 201/2005)
[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Novembru, 2012 (Numru: 498/2012)

*kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal- kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta' April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab id-differenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l- imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l- akkuza li ghaddiet in gudikat u dik odjerna hija li f'din tal- ahhar il-hin huwa "fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu" mentri fil-kaz deciz f'April 2012, l-akkuza kienet: "fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija". Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-zewg akkuzi jammontawx ghall-istess "fatt" skond id-dispost tal-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Philip Ciantar'**[11] gie kkunsidrat li:

*'Issa, il-liġi trid li, sabiex ikun hemm l-ostakolu tal-ġudikat, jeħtieġ li jkun hemm l-istess fatt (ara art. 521 Kap. 12 Ediz. Riv. );*

*Issa, għalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-ligi tintendi mhux biss il-fatt sempliċement storiku jew naturali, imma anki ġuridiku (Kollez. Vol. XIX-IV-1) b'mod illi jekk il-fatt naturali jagħti lok għal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wieħed hija ta' ostakolu għad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat ieħor fuq l-istess fatt, hu ugwalment veru, pero', li jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistgħax ikun hemm lok għal "non bis in idem";'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Salvatore Saliba'**[12] gie kkunsidrat:

*'Biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minħabba sentenza preċedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fat, fizikament rigwardat (ara art. 521, Kap.12). Ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess kuntest ta' azzjoni, u ntant ikun materjalment distingwibli;'*

L-appellanta kemm quddiem l-Ewwel Qorti u anke quddiem din il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Fabio Zulian ... omissis ... ... omissis ...'**[13]

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru, 1961
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar, 1953
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 2015 (Appell Kriminali Numru: 537/2014)

fejn gie kkunsidrat li:

*'30. Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru 1939, l-Imħallef Harding fil-każ 'Camilleri versus Cilia' kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill- istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m'hemmx pluralita` ta' offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il- vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.*

*31. Fil-każ odjern għalhekk il-prosekuzzjoni ma setgħetx terġa' titlob li jittieħdu "l-passi u s-sanzjonijiet meħtieġa" għan-nuqqasijiet ta' l-appellant ġaladarba kien diġa` ġie aġġudikat f'dar-rigward bid-digriet ta' l-20 ta' Jannar 2012. Barra minn hekk l-ewwel Qorti ma setgħetx ex post facto tordna lill-appellant jiddepożita somma flus li, skond id-digrieti msemmija mill-Avukat Generali, kellha tkun depożitata bħala garanzija għar-ritorn tiegħu. Wara kollox, wara l- ewwel żewġ digrieti, jekk siefer, huwa kien irritorna Malta. U jekk, qabel ma siefer sussegwentement għad-digriet tat-3 ta' Diċembru 2009, ma kinitx ġiet depożitata s-somma ndikata u l-appellant xorta siefer, jista' tali nuqqas jiġi attribwit neċessarjament lill-appellant? Fi kwalunkwe każ, bid-digriet imsemmi ta' l-20 ta' Jannar 2012, l-ewwel Qorti kienet diġa` ordnat il-konfiska tad-depożitu u l-garanziji kollha minnu depożitati. Dak li ma kienx jinsab depożitat ma setax jiġi konfiskat.*

*32. Konsegwentement l-aggravju I qiegħed jiġi milqugh.'*

L-appellanta ghamlet referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Zolutukhin v. Russia'</u>**[14]**<u>:</u>**

*'82. Accordingly, the Court takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same.*

---

[14] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Frar, 2009 (Applikazzjoni numru. 14939/03)

*83. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture the available material will necessarily comprise the decision by which the first "penal procedure" was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence of which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an appropriate starting-point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal (compare paragraph 110 below).*

*84. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings.*'

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti, din il-Qorti tikkunsidra li jirrizulta kjarament li ghalkemm jista' jinghad li l-perjodi ta' meta sehhew l-allegati reati soggetti ghal procedura odjerna u l-allegati reati li taghhom l-appellanta kienet giet liberata fis-sentenza precedenti[15] huma l-istess u cioe' hemm *overlap*, izda mis-sentenza esebita u cioe' dik moghtija fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) jirrizulta li l-proceduri gew istitwiti wara ilment ta' certu Lucian Caruana, liema persuna ma kienx il-kwerelant fil-procedura odjerna. L-appellanta tissottometti li '*Grace Gatt kienet giet liberata mill-akkuza taht il-kap 389, u mhux fuq kaz uniku*

[15] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Grace Gatt Jonathan Mulligan' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qortit a' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Novembru, 2010 (Numru: 437/2007)

*ta' Lucian Caruana*'. Huwa minnu li fl-akkuzi ma jissemmiex isem il-kwerelant u dan stante li si tratta ta' ksur ta' ligi partikolari u filfatt si tratta tal-istess akkuza, izda dan ma jfissirx li si tratta tal-istess fatt.

L-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* kienet tirrizulta jekk l-appellanta kienet giet liberata mill-proceduri rigwardanti ilment maghmul minn Lucian Caruana u sussgewentement il-Pulizija jergghu jiehdu proceduri fil-konfront tal-appellanta dwar l-istess fatt u cioe' dwar l-istess ilment maghmul mill-istess persuna u cioe' minn Lucian Caruana jew f'kaz li l-procedura precedenti kienet tirrigwarda l-istess fatti u cioe' l-istess ilmenti maghmulha minn l-istess persuni li kienu irraportaw u li xehdu f'din il-kawza. Mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-proceduri odjerni gew istitwiti fuq ilment ta' Lucian Caruana. Id-difiza tissottometti li f'reati fejn isiru offizi fuq persuna jista' jkollu relevanza l-isem u l-kunjom tal-persuna danneggjata imma fir-reat ta' ksur ta' licenzja ma hemmx kwistjoni bhal din. Din il-Qorti lanqas dwar dan ma taqbel mad-difiza, kif gia inghad il-principju ta' *ne bis in idem* huwa bbazat fuq il-principju li persuna ma ghandux ikun soggett ghal procedura ohra dwar l-istess fatt wara li tkun giet liberata f'procedura precedenti. Hawnhekk ma jirrizultax li l-appellanta tressqet dwar l-istess fatt izda dwar allegazzjonijiet maghmulha minn terzi persuni mhux parti mill-procedura aktar kmieni. Anke jekk si tratta ta' reat kontinwat u allegati reati li sehhew fl-istess zmien ta' dak li kienet giet liberata minnu, dan ma jfissirx li si tratta tal-istess fatt. Il-Qorti ma tistax taghmel ezami superficjali billi tara biss x'kienu l-akkuzi izda trid tezamina l-fatti li jkunu waslu ghat-tehid tal-ewwel procedura u ghal fatti li waslu ghat-tehid tal-procedura odjerna, li mill-atti jirrizulta li kienu fatti diversi u cioe' il-kwerelanti kienu differenti.

Id-difiza tissottometti ukoll li l-Avukat Generali jsemmi numri tal-artikoli tal-ligi, inkluz l-artikolu 18 u mhux stejjer ta' A, B, C. Hawnhekk si tratta ta' proceduri sommarji, izda nonostante dan, il-fatt li Avukat Generali jindika artikoli u mhux persuni jew kif tghid l-appellanta 'stejjer' ma jbiddel xejn. Minn imkien ma jirrizulta li l-appellanta kienet qieghda tigi soggetta ghal procedura kriminali bl-istess fatti ta' dik li kienet

precedentement giet liberata anke jekk si tratta tal-istess reat. Il-fatt li tirrigwarda l-istess akkuzi u kwazi kwaz l-istess zminijiet, ma jbiddel xejn. Il-Qorti kellha quddiemha fatti partikolari u differenti minn dak li kien hemm fis-sentenza moghtija precedentement fil-konfront tal-appellanta u li minnha kienet giet liberata. Din il-Qorti qieghda ghalhekk tichad dan l-ewwel aggravju.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti. L-appellanta tikkontesta li gie ippruvat xi ksur tal-Kapitolu 389. Tissottometti li:

'*Jekk xi hadd jitqabbad halli jgib lura tifla ghand il-genituri taghha, dan ikun qed jikser din il-ligi ? Allura jaqbillu joqghod attent il-kappillan !*

*U anke meta jkun hemm informazzjoni dwar persuna u r-relazzjnijiet ma' persuna ohra, jkun hemm ksur tal-kap 389 ? Jaqblilhom joqghodu attenti z-zekzieka li jghidu fuq in-nies.*'

Din il-Qorti b'kull dovut rispett, tikkunsidra dawn l-argumenti imressqa f'dan l-aggravju bhala frivoli ghall-ahhar u dan tenut kont tal-provi mressqa, li jikkonfermaw li l-appellanta kienet inkarigata sabiex tagixxi bhala investigatur privat. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal uhud mix-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti li jikkonfermaw li l-Ewwel Qorti kienet korretta li ssib lill-appellanta hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni. Din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-istqarrijiet rilaxxati u dak kollu li l-imputati setghu qalu lis-Supretendent Carmelo Bartolo qabel l-interrogatorju, dak iz-zmien Spettur u dan in linea ma' dak deciz mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Charlot Tabone li xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjega li '*f' xi zmien fis-sena 2007 ma niftakarx id-data pero' naf li kienet il-gurnata tal-hadd kien baghat ghalija s-Supretendent Bartolo, mort inkellmu l-Ghassa tal-Hamrun u huwa kien saqsieni jekk jiena kelliex xi problemi u allura konsegwentement kelliex bzonn inqabbad private investigators, jiena fil-fatt ikkonfermajtlu illi iva kont inkarigajt Private investigator. Jiena*

*spjegajt lis-Sur Bartolo kif fil-fatt jiena wasalt biex inqabbad private investigator. Nispjega lil Qorti li fil-fatt jiena kont qed nara magazine jew li jigu mal-gazzetti jew inkella li jimpustawh u rajt avviz ta' private investigator u kien hemm telephone number. Jiena cempilt dan in-numru, kelmitni mara u qaltli li jisimha Grace Gatt. Qaltli li kien ikun ahjar illi niltaqghu halli naraw ezattament x' hemm bzonn isir fil-kaz tieghi u fil-fatt qaltli biex niltaqghu hdejn ic-Cimiterju tal-Addolorata. U fil-fatt ltqajna hemmhekk. Jiena fil-fatt qed naghraf prezenti fl-Awla l-persuna li jiena ltqajt maghha u li ddentifikat ruhha bhala Grace Gatt.*' Huwa prezenta anke l-ircevuta tal-hlas li kien ghadda lil imputata. Din l-ircevuta esebita bhala Dok. CT1 u li tinsab a fol 84 qieghda mahruga f'isem 'Grace Gatt Private Investigation Malta,'.

Costantino Pawney li xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) spjega li '*Kien hemm dan Jonathan Mulligan ghax imbaghad l-Imghallma tieghu kienet Grace Gatt l-Imghallma tieghu imma hu kien jghidli x' naghmel u ma naghmilx Jonathan fhimt ?*' Ghalhekk huwa xehed li kien imqabbad biex jaghmel dan ix-xoghol minn Jonathan Mulligan li jghid li kien impjegat ta' Grace Gatt.

*Omissis* xehdet fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ukoll kkonfermat li l-appellanta kienet agixxiet ta' private investigator u spjegat il-mod ta' kif l-ewwel marret biex taghti l-privat lit-tifla tal-appellanta u sussegwentement qaltilha li kienet imqabbda mill-genituri taghha biex tagixxi bhala private investigator biex tlaqqahom maghha. Fi kliemha: '*Fis-sens wara l-ewwel darba li mort il-privat maghha, umbghad ma niftakarx jekk dak inhar stess ghidniex ha niltaqghu l-Hadd jew bghatitli biex niltaqghu l-Hadd. U konna ltqajna hdejn il-knisja tal-Hamrun u mort insomma x'hin bdiet dak, kienet qaltli li hi private investigator u li ommi u missieri kienu avvicinaw lilha biex tfittex lili u jien.*' Spjegat li '*Qabdet il-karozza u kienet qaltli li ovvjament, li m'inix sejra d-dar taghha imma li kienet imqabbda minghand ommi u minghand missieri biex tfittixni biex tara fejn jien biex jien nerga' nkellem lil ommi u lili missieri. U jiena ovvjament dak il-hin irrabbjajt tipo ghax li jien fis-sens qisni jien kont ghidtilhom li ma ridtx inkellimhom. Ma kienx hemm ghalfejn iqabbdu lilek biex toqghod tfittex jien fejn jien jigifieri u li hi ghax qisha dahqet bija ghax mhux sejra d-dar taghha.*' Il-fatt li l-appellanta hadmet ta' private investigator gie anke kkonfermat mill-

persuna li kkommisjonata u cioe' missier *Omissis*, *Omissis* li xehed ukoll fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn qal '*din simpliciment sibtha fuq magazine, fuq magazine li jigu d-dar, periodically, sibt it-telephone u cempiltilha. U din Grace ghinitni nsib it-tifla tieghi.*' Spjega li '*Kont fil-garaxx, qieghed inqalleb dak il-magazine li jigi kull xahar, tafu liema hu. U nsib ir-reklam taghha. Dhalt id-dar, saqsejt il-mara.*' Ikkonferma li huwa r-reklamm li jidher a fol 34. Spjega li cemplulha u ltaqghu mal-appellanta gewwa d-dar tieghu f'Ghawdex u ftehmu li jhallasha hames mitt lira Maltin (LM500) fejn talabha li ssiblu t-tifla u tikkonvinciha biex terga' tigi lura lejn id-dar.

Jonathan Mulligan minn naha l-ohra fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed li Grace Gatt kienet Public Relations Officer fil-kumpanija tieghu u cahad li kien impjegat tal-appellanta Grace Gatt. Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti ma temmnix lil dan ix-xhud li Grace Gatt kienet biss Public Relations Officer fil-kumpannija tieghu. Fis-sentenza appellata u cioe' fil-parti dedikata ghal fatti saljenti, il-Qorti niezlet li '*mill-investigazzjoni tal-Pulizija irrizulta li Gerald Quintano kien ukoll talab is-servizzi ta' Grace Gatt bhala investigatur privat biexisegwi l-passi ta' Spiridione D'Amato, li jigi r-ragelt a' ohtu, ghaliex beda jissuspetta li kellu relazzjoni extra-matrimonjali. Quintano qal li hu sar jaf bi Grace gatt mir-riklami li kien jara taghha.*' Ghalkemm meta xehed is-Supretendent Carmelo Bartolo dwar meta kellem lil hu il-mara ta' Spiridione D'Amato qal li '*Qalli mhux hi qabditha lil Grace Gatt, qalli jiena qabbadtha.*' Izda meta Gerald Quintano xehed fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) jghid li kien tkllem ma ragel sabiex qabbad private investigator u li qatt ma ltaqa mal-akkuzati.

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni tirrigwarda il-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u matul ix-xhur ta' qabel din id-data. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra ix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo moghtija fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn xehed dwar l-investigazzjoni li kien ghamel ghalkemm kif gia inghad *in linea* ma dak deciz mill-Ewwel Qorti, mhijiex sejra tikkunsidra dak li l-imputati setghu

qalulu qabel u waqt l-interrogatorju. Xehed li *Omissis* irraportat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u li meta Grace Gatt haditha ghand il-genituri taghha, dan kien fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006), filwaqt li xehed li fit-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) irraporta Spirdione d'Amato dwar ragel li kien qieghed isegwilu passih filwaqt li fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) rega talab l-assistenza tal-Pulizija Spirdione d'Amato li rega nnota persuna ohra tigbidlu l-filmati hdejn id-dar tieghu. Stante li l-imputazzjoni tirrigwarda l-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u x-xhur ta' qabel dik id-data, dak irraportat li gara fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) imur lil hin mill-akkuza.

Charlot Tabone xehed li '*f' xi zmien fis-sena 2007 ma niftakarx id-data pero ' naf li kienet il-gurnata tal-Hadd kien baghat ghalija s-Supretendent Bartolo*'. Mix-xhieda ta' Charlot Tabone ma jistax jigi determinat jekk l-appellanta provdiet is-servizz lil Charlot Tabone fiz-zmien indikat fl-akkuza u cioe' fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) jew fix-xhur ta' qabel izda mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo, jirrizulta li dan kien qabel il-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dan stante li xehed li '*Dan minn naha tieghu spjegali li xi ftit jiem qabel, cioe' xi zmien qasir qabel Dicembru tas-sena 2006, qalli li kien irrintracca, gie across avviz ta' private investigation duties li hu offrut minn certu Grace Gatt qalli u ddecidejt li ncempilla ghax kellu naqra ta' problema familjari, qalli u tlabt naqra s-servizz taghha...*'.

*Omissis* fix-xhieda taghha spjegat li '*f'xi Awwissu tat-2006 kont tlaqt mid-dar..*'. Meta mistoqsija '*bejn l-ahhar ma rridx li ghitilhom u meta inti issa sirt taf lil Grace, ghadda hafna zmien?*' irrispondiet li '*Minn Awwissu sa Ottubru.*' Ic-certifikat mediku mahrug minn Dr J. Vella Baldacchno huwa datat it-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u cioe' '*12/8/06*' li ghalhekk jikkonferma z-zmien ta' meta *Omissis* telqet mid-dar tal-genituri taghha u fejn sussgwentement tqabbdet Grace Gatt sabiex tagixxi bhala investigatur privat biex issib lil *Omissis*, tlaqqaha mal-genituri u tirritornaha lura u dan stante li kif spjegat *Omissis* qabel ma telqet mid-dar ghamlet apputnament mal-psikjatra Dr Vella

Baldacchino. Ghalhekk jirrizulta li anke jekk din il-Qorti kellha tistrieh biss fuq ix-xhieda moghtija minn *Omissis* jirrizulta li fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u fix-xhur ta' qabel, Grace Gatt kienet agixxiet bhala investigatur privat u ix-xhieda ta' *Omissis* jikkonferma li Grace Gatt kienet agixxiet bhala investigatur privat.

Ikkunsidrat;

L-ewwel (1) imputazzjoni tirrigwarda ksur tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali illum intitolat l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' u cioe' il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li Grace Gatt hadmet bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjani privat minghajr licenzja. Il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta jiddifenixxi "*servizzi ta' gwardjani privati*" bhala '*kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorità taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta' persuni, korporata jew le, dwar -*' fosthom:

'*(i) servizzi ta' investigazzjoni privata;*'.

Il-Kapitolu imsemmi jiddefinixxi "*servizzi ta' investigazzjoni privata*" bhala '*il-ksib, bejgħ jew provvista lil xi persuna ta' xi tagħrif dwar:*

*(a) l-identità, il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet, reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta' persuni;*

*(b)il-background jew l-antiċedenti ta' xi applikant għal impieg;*

*(ċ) stħarriġ dwar persuni jew proprjetà mitlufa;*

*(d) dannu jew ħsara lil proprjetà;*

*(e) il-prevenzjoni jew il-kxif ta' spjunaġġ industrjali;*'

L-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Ebda persuna ma għandha taħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat jew hekk toffri s- servizzi tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att*'.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) -vs- Victor Paul Borg, bin Emanuel u Maria nee` Formosa, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar l-4 ta' Novembru, 1971, residenti 26, Triq Mikiel Borg, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 28171G'**[16] gie kkunsidrat:

*'Illi jirrizulta li meta ntlemah mill-avukat Mompalao, l-imputat kien bil- karozza tieghu u ma damx izjed minn minuta; kienet okkazzjoni ta' darba. Ghalkemm mart Mompalao qalet lill-zewgha li kienet gja rat lill-imputat, dan jikkostitwixxi biss hearsay u ghaldaqstant mhux prova ammissibbli. Dan ifisser li l-imputat gie osservat darba biss fil-vicinanzi tar-residenza tal-Avvukat Mompalao u mill-evidenza migbura ma jirrizultax soddisfacentement pruvat li l-imputat kien qed iwettaq xi investigazzjoni privata kif prospettata bl-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna) vs Oliver Abela'** [17]gie kkunsidrat li:

*'F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid- deposizzjoni ta' Malcolm Pace li fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2008, inter alia, qal:*

*"Nghid l-imputat Oliver Abela li qed naghrfu prezenti fl- Awla nafu bhala persuna li taghmel xoghol ta' surveillance. Jiena gieli kelli xi klijenti u ghaddejthomlu biex hu jaghmel ix-xoghol tieghu." "...................................." "Nixtieq inzid nghid li jiena ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u jiena kont tlabt lil imputat sabiex jaghmilli xi surveillance dwar il- movimenti tal-mara tieghi biex huwa jikkonfermali fejn kienet qeghda tmur il-mara tieghi u ma' min kienet qeghda tiltaqa. Nghid illi l-imputat fil-fatt ezegwixxa dak li jiena tlabtu. Jiena lil imputat kont hallastu ta' xogholu."*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Novembru, 2018 (Distrett Numru: 327/2018)
[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar, 2013 (Numru: 1019/2013)

*Issa issir referenza għall-bran mid-deposizzjoni ta' Oliver Abela li fis-Seduta tal-21 ta' Diċembru, 2010, l-imputat, inter alia, qal:*

*"........................................" "Jiena ilni naħdem bħala investigatur privat għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin (25) sena." "..............................................." "Nghid jiena la jien Warden u lanqas Private Guard u għalhekk jiena ma applikajtx." "..................................." "Nghid jiena kont ġejt ikkuntattjat minn Dr. Martin Pace li dana kien talabni li nagħmel sorveljanza ta' tmenin (80) siegħa mqassma fuq diversi granet u s-sorveljanza kelli nagħmilha fuq il-mara ta' Dr. Pace li din jisimha Patricia Pace. Nghid jiena u n- nies tiegħi għamilna s-sorveljanza u meta lestejna aħna lil dan għamilnielu rapport."*

*Mis-suespost jemerġi li l-imputat għamel xi xogħol li kien ġie mqabbad mir-raġel ta' Patricia Pace u li hu ma applikax għal liċenzja kif rikjesta fl-artikolu 3 tal-Kap. 389.'*

Ikkunsidrat;

Jirriżulta ampjament ippruvat li l-appellanta ma setgħetx taġixxi bħala investigatur privat u dan stante li ma kinitx liċenzjata biex tagħmel xogħol ta' gwardjan privat. PS 443 Vincent Mifsud li xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) stazzjonat il-Police Licensing Office spjega li Grace Gatt kienet applikat f'Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) għal liċenzja ta' *private guard* iżda l-applikazzjoni ġiet rifjutata. Ir-rifjut ħareġ fit-tlieta (3) ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u xehed li mir-riċerka li għamel, din l-unika applikazzjoni li saret f'isem Grace Gatt. In oltre jirriżulta li l-kopja ta' riklam li jidher a fol 34 fejn hemm '*Private Investigation Agency*' b'numru ta' servizzi mogħtija flimkien ma' numru ċellularju kif ukoll indirizzi elettroniċi għalkemm minn imkien ma jissemma isem l-appellanta, huwa r-riklam li permezz tiegħu *Omissis* inkariġa lil Grace Gatt bħala private investigator.

Illi għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellanta ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha. Mill-parti dispożittiva tas-

sentenza jirrizulta li l-Ewwel Qorti korrettament sabitha hatja taht l-artikolu 3 u l-artikolu 25(b) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta li jfisser li kienet qieghda ssibha hatja li hadmet bhala gwardjan privat minghajr licenzja.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanta ghalkemm ma ghamlitx talba ghal mitigazzjoni tal-piena fil-parti dedikata ghat-talba tal-appell, xorta resqet aggravju rigwardanti l-piena. L-appellanta filfatt issottomettiet li r-reat ftit li xejn ghandu impatt fuq ic-cittadini u li mhux bhal sewqan minghajr licenzja, li jsita' jgib kumplikazzjonijiet jekk jinqala' incident.

L-appellanta ssottomettiet ukoll li din kienet ligi li saret b'hafna imbuttar ta' impjegat fil-qasam tal-gustizzja li kien se jwaqqaf agenzija hu u ghalhekk il-pieni huma goffi, halli hadd ma jidhollu fl-ghalqa. Din il-Qorti tqis dawn il-kummenti maghmulha fir-rikors tal-appell bhala superfluwi. Il-ligi qieghda hemm biex tigi segwita, u f'kaz ta' ksur, persuna trid tirrispondi ghal ghemiela u cioe' ghal piena li l-ligi tkun tipprovdi ghaliha.

L-artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi ghal multa ta' mhux izjed minn erbat'elef, sitt mija u hamsa u tmenin ewro u hamsa u sebghin centemzu (€4,658.75) u prigunerija ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja ukoll taht l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi. Din il-Qorti tifhem li kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin *ai termini* tal-artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ikkundannat lil appellanta ukoll ghal hlas ta' multa ta' tlett' elef u hames mitt ewro (€3,500) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitlu 9 ordnat li tista' tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100) u li f'kaz li tonqos milli taghmel pagament wiehed, il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.
Din il-Qorti ma ghandhiex raguni li abbazi taghha thoss li ghandha tnaqqas il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena.

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti tordna li l-multa ta' tlett'elef u hames mitt Ewro (€3500) tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elfejn u dsatax (2019), b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Ewro (€35) dovut.
In vista ta dak verbalizzat fl-atti quddiem l-Qorti tal-Magistrati a fol. 150 fejn ordnat li l-ahhar parti tax-xhieda ta *Omissis* dwar il-kundizzjoni medika taghha ha tixxandarx f'mezzi ta-xandir, din l-Qorti qed testendi din l-ordni bili tordna li isem *Omissis* u missierha *Omissis* ma jixxandrux f'kul **mezz** tax-xandir.

Il-Qorti *ai termini* tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fissret lil hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe' f'kaz li tikkometti reat iehor fi zmien erba' (4) snin mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur